MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 19/2011

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri E D**

**vs**

**1. C D**
**2. F G**
**3. Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

1. Illi in forza ta' kuntratt pubbliku in atti Nutar Joseph Henry Saydon datat 10 ta' Gunju 2010, l-attrici rikorrenti u l-konvenut intimat C D ottjenew is-separazzjoni personali minn xulxin; u
2. Illi mill-ghaqda bejn l-attrici rikorrenti u l-konvenut intimat C D twieldu l-minuri H D li twieldet fl-24 ta' Awissu

1996, I D li twieled fit-8 ta' April 2000, J li twieldet fit-8 ta' Lulju 2001 u E D li twieled fit-30 ta' Dicembru 2010;
3. Illi l-imsemmija tarbija E D giet registrata b'kunjom il-konvenut intimat D meta hu m'huwiex il-missier naturali tat-tarbija u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u
4. Illi l-missier naturali tat-tarbija huwa effettivament il-konvenut intimat F G, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u
5. Illi ghalhekk jehtieg illi ssir id-debita korrezzjoni fl-atti civili tal-minuri, liema certifikat ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 165/2011, u dan fis-sens illi jitnehhew id-dettalji tal-konvenut intimat D mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, u jigi inseriti dawk tal-konvenut G;

Ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-minuri E D mhux il-wild naturali tal-konvenut intimat C D;
2. Tiddikjara illi l-imsemmi minuri E D huwa l-wild naturali tal-konvenut intimat F G;
3. Tordna lill-konvenut intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija imsemmija, li jgib in-numru t'iskrizzjoni 165 tas-sena 2011, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem C D, il-professjoni jew sengha ta' l-istess konvenut intimat, l-eta', post tat-twelid u residenza ta' l-istess konvenut intimat kif ukoll isem u kunjom missier il-konvenut u jekk huwiex haj jew mejjet, u tawtorizza u tordna illi minflok jigu inseriti d-dettalji kollha tal-konvenut intimat F G, u tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel u t-tieni talba, u jekk jehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti intimati li huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament jingħad li talanqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri E D skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri E D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri E D, kienet wettqet adulterju ma' l-intimat F G u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-F G bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri E D, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri E D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;

5. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi kollha li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat il-verbal tas-17 ta’ Mejju 2011 li permezz tieghu il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat id-DNA paternity test report ipprezentat u ikkonfermat bil-gurament minn Dr Marisa G fid-19 ta’ Awissu 2011;

Rat ukoll ix-xhieda permezz ta’ affidavit ta’ Dr Marisa G;

Rat illi l-konvenuti C D u F G huma kontumaci f’din il-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi xehdet l-attrici u qalet illi hija kienet izzewget lil C D fit-28 ta’ Ottubru 1995 u miz-zwieg taghhom twieldu tlett itfal, H D, I D u J D. Hija qalet illi kellha il-problemi ma zewgha, izda qabel ma ftehmu illi jaghmlu kuntratt ta’ separazzjoni konsesswali, kienet iltaqghet mal-konvenut F G u fis-sena 2010 ma kellhiex aktar x’taqsam ma zewgha, izda kellha relazzjoni intima biss u esklussivament mal-konvenut F G, illi ghadha mieghu sallum. Hija kompliet tixhed illi fl-10 ta’ Gunju 2010 diga kellha tlett xhur tqala u dak iz-zmien hija kienet iffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni personali minn ma zewgha. Meta twieldet it-tarbija E fit-30 ta’ Dicembru 2010 hi u il-konvenut F G ippruvaw jirregistraw it-tarbija bil-kunjom G, izda kienu qalulhom illi dan ma setghax isir u kien ghalhekk illi istitwiet il-kawza odjerna.

Illi xehed il-konvenut F G illi ikkonferma illi huwa ghandu relazzjoni mal-attrici u illi ilu maghha mill-bidu tas-sena 2010. Huwa qal illi mal-ewwel beda ikollhom relazzjonijiet intimi, u illi kien jaf illi l-attrici kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni. Ghall-habta ta' Marzu u April ta' l-2010, l-attrici kienet qaltlu illi kienet harget tqila. Dak iz-zmien kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn mar-ragel taghha u fit-30 ta' Dicembru 2010 twieled it-tifel taghhom E.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ipprezentat ic-certifikat tat-twelid tal-konvenut F G illi ghandu il-karta ta' l-identita numru 339674(M) illi twieled Pieta fis-27 ta' Lulju 1974, iben Annunziato G illi twieled Hal-Tarxien u Domenica G nee Formosa illi twieldet il-Belt Valletta.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi x-xhieda tal-attrici u tal-konvenut F G tinsab pjenament ikkonfermata mir-rapport xjentifiku tad-DNA ipprezentat u ikkonfermat bil-gurament minn Dr Marisa G, illi jixhed illi l-konvenut F G huwa il-missier biologiku tal-minuri E D. Ghalhekk irrizulta illi l-attrici irnexxielha tipprova it-talbiet taghha.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi rat illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu, tirrispingi l-eccezzjonijiet kollha l-ohrajn tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, hlief ghall-hames eccezzjoni tieghu u tilqa it-talbiet attrici u ghalhekk tiddikjara illi l-minuri E D mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut intimat C D, tiddikjara illi l-imsemmi minuri E D huwa l-wild naturali tal-konvenut intimat F G u konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija imsemmija, li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 165 tas-sena 2011, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem C D, il-professjoni jew sengha ta' l-istess konvenut intimat, l-eta', post tat-twelid u residenza ta' l-istess konvenut intimat, kif

ukoll isem u kunjom missier il-konvenut u jekk huwiex haj jew mejjet u tordna illi minflok jigu inseriti d-dettalji kollha tal-konvenut F G u tordna kull modifika ohra in vista ta’ l-ewwel u t-tieni talba, u jekk jehtieg, f’kull att iehor relattiv u sussegwenti. Bl-ispejjez kontra l-attrici u kontra il-konvenut F G.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------